2025/697 8.4.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/697

## tas-7 ta' April 2025

## dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex tappoġġa lill-forzi Armati tar-Repubblika tal-Moldova

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 [1] tistabbilixxi l-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) għall-finanzjament mill-Istati Membri ta' azzjonijiet tal-Unjoni fil-qafas tal-politika estera u ta' sigurtà komuni biex tinżamm il-paċi, jiġu pprevenuti l-konflitti u tissaħħaħ is-sigurtà internazzjonali skont l-Artikolu 21(2), punt (c), tat-Trattat. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, l-EPF għandha tintuża għall-finanzjament ta' miżuri ta' assistenza bħal azzjonijiet biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali relatati ma' kwistjonijiet militari u ta' difiża.

(2) L-Unjoni hija impenjata għal relazzjoni mill-qrib mar-Repubblika tal-Moldova ibbażata fuq il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova min-naħa l-oħra [2] ("il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni"), inkluż iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva, b'appoġġ għar-Repubblika tal-Moldova b'saħħitha, indipendenti u prospera, u għall-promozzjoni tal-assoċjazzjoni politika u l-integrazzjoni ekonomika filwaqt li tappoġġa bis-sħiħ is-sovranità u l-integrità territorjali tar-Repubblika tal-Moldova fi ħdan il-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment. Skont l-Artikolu 5 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, l-Unjoni u r-Repubblika tal-Moldova għandhom ikomplu jintensifikaw id-djalogu u l-kooperazzjoni tagħhom u jippromwovu l-konverġenza gradwali fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà, inkluż il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK), u għandhom jindirizzaw b'mod partikolari kwistjonijiet ta' prevenzjoni tal-konflitti, ir-riżoluzzjoni paċifika tal-konflitti u l-ġestjoni tal-kriżijiet, l-istabbiltà reġjonali, id-diżarm, in-nonproliferazzjoni, il-kontroll tal-armi u l-kontroll tal-esportazzjoni.

(3) L-Unjoni tirrikonoxxi l-kontribut importanti tar-Repubblika tal-Moldova għall-PSDK tal-Unjoni.

(4) Din id-Deċiżjoni tibni fuq id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2021/2136 [3], (PESK) 2022/1093 [4], (PESK) 2023/921 [5], (PESK) 2024/1049 [6], u (PESK) 2024/1713 [7] rigward l-impenn kontinwu tal-Unjoni li tappoġġa t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Moldova f'oqsma ta' ħtiġijiet prijoritarji.

(5) Fid-29 ta' April 2024, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà irċieva talba mir-Repubblika tal-Moldova biex l-Unjoni tassisti lill-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Moldova fl-akkwist ta' tagħmir ewlieni biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' kmand u kontroll.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 tat-22 ta' Marzu 2021 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/528 (ĠU L 102, 24.3.2021, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/509/oj).
[2] Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra (ĠU L 260, 30.8.2014, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2014/492/oj).
[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2136 tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex tappoġġa l-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Moldova (ĠU L 432, 3.12.2021, p. 63, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/2136/oj).
[4] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1093 tat-30 ta' Ġunju 2022 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi b'appoġġ għall-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Moldova (ĠU L 176, 1.7.2022, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2022/1093/oj).
[5] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/921 tal-4 ta' Mejju 2023 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi b'appoġġ għall-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Moldova (ĠU L 119, 5.5.2023, p. 173, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/921/oj).
[6] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1049 tal-4 ta' April 2024 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi b'appoġġ għall-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Moldova (ĠU L, 2024/1049, 5.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1049/oj).
[7] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/1713 tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex tappoġġa lill-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Moldova b'tagħmir militari mfassal biex iwassal forza letali (ĠU L, 2024/1713, 14.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1713/oj).

(6) Il-miżuri ta’ assistenza għandhom jiġu implimentati b’kont meħud tal-prinċipji u r-rekwiżiti stipulati fid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, b’mod partikolari f’konformità mal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK ([8]), u skont ir-regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa ffinanzjati taħt l-EPF.

(7) Il-Kunsill jirriafferma d-determinazzjoni tiegħu li jipproteġi, jippromwovi u jiggarantixxi d-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-prinċipji demokratiċi u li jsaħħaħ l-istat tad-dritt u l-governanza tajba, f’konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, mad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u mad-dritt internazzjonali, b’mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Stabbiliment, objettivi, kamp ta’ applikazzjoni u durata**

1. Hija b’dan stabbilita miżura ta’ assistenza li tibbenefika minnha r-Repubblika tal-Moldova (il-“benefiċjarju”) li għandha tiġi ffinanzjata mill-Faċilità Ewropea għall-Paċi (FEP) (il-“miżura ta’ assistenza”).

2. L-objettivi tal-miżura ta’ assistenza huma dawn li ġejjin:

(a) li tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet militari u ta’ difiża tal-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Moldova sabiex jissaħħu s-sigurtà, l-istabbiltà u r-reżiljenza nazzjonali, u b’hekk jiġu protetti aħjar ukoll il-persuni ċivili fi kriżijiet u emerġenzi;

(b) li tappoġġa l-kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Moldova, bil-ħsieb li jissaħħu l-kapaċitajiet tar-Repubblika tal-Moldova li tipparteċipa f’missjonijiet u operazzjonijiet militari tal-politika ta’ sigurtà u ta’ difiża komuni tal-Unjoni, tiġi aċċellerata l-konformità mal-istandards u l-interoperabbiltà tal-Unjoni, u jiġi promoss l-allinjament mal-politika estera u ta’ sigurtà komuni tal-Unjoni.

3. Biex jinkisbu l-objettivi li jinsabu fil-paragrafu 2, il-miżura ta’ assistenza għandha tiffinanzja t-tipi ta’ tagħmir li ġejjin mhux imfassla biex jipprovdu forza letali:

(a) tagħmir ta’ mobbiltà;

(b) tagħmir ta’ kmand u kontroll.

Il-miżura ta’ assistenza għandha tiffinanzja wkoll provvisti u servizzi relatati, inkluż it-taħriġ tekniku, fejn ikun meħtieġ.

4. Il-miżura ta’ assistenza għandha ddum 40 xahar mid-data tal-adozzjoni ta’ din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

**Arranġamenti finanzjarji**

1. L-ammont ta’ referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta mal-miżura ta’ assistenza għandu jkun ta’ EUR 40 000 000.

2. In-nefqa kollha għandha tiġi ġestita f’konformità mad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 u skont ir-regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa ffinanzjata taħt l-EPF.

*Artikolu 3*

**Arranġamenti mal-benefiċjarju**

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà (ir-“Rappreżentant Għoli”) għandu jagħmel l-arranġamenti meħtieġa mal-benefiċjarju biex jiżgura l-konformità tiegħu mar-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet stabbiliti minn din id-Deċiżjoni bħala kundizzjoni għall-għoti ta’ appoġġ fil-qafas tal-miżura ta’ assistenza.

2. L-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li jobbligaw lill-benefiċjarju jiżgura:

([8]) Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta’ Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta’ esportazzjonijiet ta’ teknoloġija u tagħmir militari (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99, ELI: http://data.europa.eu/eli/compos/2008/944/oj).

(a) il-konformità tal-unitajiet tal-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Moldova appoġġati taħt il-miżura ta’ assistenza mad-dritt internazzjonali rilevanti, b’mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali;

(b) l-użu xieraq u effiċjenti ta’ kwalunkwe assi pprovdut skont il-miżura ta’ assistenza għall-finijiet li għalihom ikunu ġew ipprovduti;

(c) il-manutenzjoni suffiċjenti ta’ kwalunkwe assi pprovdut skont il-miżura ta’ assistenza biex tiġi żgurata l-użabbiltà tiegħu u d-disponibbiltà operazzjonali matul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu;

(d) li ebda assi pprovdut fil-qafas tal-miżura ta’ assistenza ma jintilef jew jiġi ttrasferit lil persuni jew entitajiet għajr dawk identifikati f’dawk l-arranġamenti.

3. L-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni u t-terminazzjoni tal-appoġġ taħt il-miżura ta’ assistenza f’każ li l-benefiċjarju jinstab li jkun kiser l-obbligi stipulati fil-paragrafu 2.

*Artikolu 4*

**Implimentazzjoni**

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jkun responsabbli li jiżgura l-implimentazzjoni ta’ din id-Deċiżjoni f’konformità mad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, u skont ir-regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa ffinanzjata taħt l-EPF u skont il-Qafas Metodoloġiku Integrat għall-valutazzjoni u l-identifikazzjoni tal-miżuri u l-kontrolli meħtieġa għall-miżuri ta’ assistenza taħt l-EPF.

2. L-implimentazzjoni tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(3) għandhom jitwettqu miċ-Ċentru Estonjan għall-Investimenti fid-Difiża.

*Artikolu 5*

**Monitoraġġ, kontroll u evalwazzjoni**

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jimmonitorja l-konformità mill-benefiċjarju mal-obbligi stipulati fl-Artikolu 3. Dak il-monitoraġġ għandu jintuża biex jipprovdi għarfien tal-kuntest u r-riskji tal-ksur tal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 3, u biex jikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta’ tali ksur, inkluż ksur tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali mill-unitajiet tal-Forzi Armati tar-Repubblika tal-Moldova appoġġati skont il-miżura ta’ assistenza.

2. Il-kontroll ta’ wara t-trasportazzjoni tat-tagħmir u l-provvisti għandu jiġi organizzat kif ġej:

(a) verifika tal-konsenja, fejn iċ-ċertifikati tal-konsenja tal-FEP iridu jiġu ffirmati mill-forzi tal-utent finali mat-trasferiment tas-sjieda;

(b) rappurtar dwar l-inventarju, fejn il-benefiċjarju jrid jirrapporta kull sena dwar l-inventarju ta’ oġġetti partikolari sakemm dan ir-rappurtar ma jibqax jitqies neċessarju mill-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà (KPS);

(c) żjarat fuq il-post, fejn malli jintalab dan, il-benefiċjarju għandu jagħti aċċess lir-Rappreżentant Għoli u lill-awdituri tal-EPF biex iwettqu verifiki fuq il-post u awditi tal-EPF.

3. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jwettaq evalwazzjoni finali mat-tlestija tal-assistenza biex jivvaluta jekk il-miżura ta’ assistenza kkontribwietx biex jintlaħqu l-objettivi stipulati fl-Artikolu 1(2).

*Artikolu 6*

**Rapportar**

Matul il-perjodu ta’ implimentazzjoni, ir-Rappreżentant Għoli għandu jipprovdi lill-KPS rapport kull sitt xhur dwar l-implimentazzjoni tal-miżura ta’ assistenza, f’konformità mal-Artikolu 63 tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509. L-amministratur għall-miżuri ta’ assistenza għandu jinforma regolarment lill-Kumitat tal-Faċilità stabbilit bid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 dwar l-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa f’konformità mal-Artikolu 38 ta’ dik id-Deċiżjoni, inkluż billi jipprovdi informazzjoni dwar il-fornituri u s-subkuntratturi involuti.

*Artikolu 7*

**Sospensjoni u terminazzjoni**

1. Il-KPS jista' jiddeċiedi li jissospendi kompletament jew parzjalment l-implimentazzjoni tal-miżura ta' assistenza f'konformità mal-Artikolu 64 tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509.

2. Il-KPS jista' jirrakkomanda li l-Kunsill itemm il-miżura ta' assistenza.

*Artikolu 8*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-7 ta' April 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BARANOWSKI